# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt


**Minuti tal-22 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

22.01 **Talba**

22.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

22.01.02 Il-Viċi-Sindku ipproponiet minuta silenzju b'rispett lejn is-Sur Renald Falzon, Sindku ta' Ħal Qormi li miet dan l-aħħar. Il-Kunsillier Zaffarese, f'isem il-familja tas-Sur Falzon irringrazzja lil Kunsill għas-sogħba murija.

22.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

22.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

22.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 21**

22.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 21 gew approvati unanimament peress li kienu ntbgħatu lill-Kunsillieri mal-Aġenda. Is-Sindku ippropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

22.04 **Punti mill-Minuti**

22.04.01 Rigward *item* 21.04.01, is-S.E. informa li din it-talba kienet intbagħtet lil-Transport Malta kif approvat fil-laqgħa preċedenti.

22.04.02 Rigward *item* 21.04.03, is-Sindku nforma li kien kellem lil-*Infrastructure Malta*.

22.04.03 Rigward *item* 21.05.06, is-S.E. informa li din l-attivita' kienet tħassret minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti.

22.04.04 Rigward *item* 21.05.07, is-S.E. informa li wara konsultazzjoni mad-DGL, ġie infurmat li l-proċedura hija li l-Kunsill irid joħroġ sejħa interna għal-post ta' *Assistant Principal Officer*. Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ din is-sejħa u issir

intervista lil kandidat/i interessati. Kien hemm qbil ukoll li din il-pożizzjoni għandu jkollha magħha iktar responsabbiltà' għal min jintgħażel.

22.04.05 Rigward *item* 21.05.16, il-Viċi-Sindku spjegat li flimkien mal-Kunsillier Sciberras kienet attendiet għal preżentazzjoni dwar is-sistema u filwaqt li kienet favur li l-Kunsill imur għal sistema kompjuterizzata temmen li għandna nħarsu lejn xi ħaġa li tkun tinkorpora fiha kollox u mhux permessi biss. Kellha wkoll riservi dwar il-prezz kif ukoll dwar *troubleshooting* f'każ ta' bżonn. Fiċ-ċirkostanzi ġie unanimament deċiż li għalissa ma jsir xejn iżda nippruvaw li din is-sistema tkun parti minn faċilitajiet ipprovduti permezz ta' *App* kif ukoll li għandna niċċekkjaw mal-AKL u l-Ministeru jekk hemmx il-ħsieb li jkun hemm sistema ċentralizzata.

22.04.06 Rigward *item* 21.07.12, is-Sindku wera l-fehma li s-sena d-dieħla nitolbu lil-PWD sabiex isir *upgrade* tal-post kollu li jinkludi l-ħajt imsemmi.

22.04.07 Rigward *item* 21.07.14, il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand l-MIA. Is-S.E. informa li għadna qed nistennew risposta min naħa tagħhom.

22.04.08 Rigward item 21.07.17, il-Viċi-Sindku staqsiet jekk saritx il-laqgħa hekk kif maqbul mal-President tal-*Club* sabiex tiġi diskussa din il-kwistjoni. Is-Sindku qal li għad le u li se tkun qed issir fil-jiem li ġejjin.

22.05 **Korrispondenza**

22.05.01 Korrispondenza mingħand l-*Animal Welfare & Promotion Services Directorate* fejn ġejna nfurmati li l-applikazzjoni tagħna taħt l-iskema LC Care 2020 kienet ġiet aċċettata. Iktar tard din il-ġimgħa, s-Sindku flimkien mas-S.E. kienu ser jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Zaffarese għas-sehem tiegħu f'dan il-proġett. Il-Viċi-Sindku insistiet li għandna niżguraw li fejn ser ikun hemm il-*cat shelters,* għandha tinżamm l-indafa u li l-ikel jitneħħa wara li jieklu l-qtates.

22.05.02 Korrispondenza mingħand id-DGL dwar il-ħatra ta' Deputat S.E. Għal darb'oħra l-Kunsill innomina lis-Sur Anthony Bonello.

22.05.03 Korrispondenza mingħand Leon Promotions dwar attivita' tal-Milied madwar ir-raħal. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill għandu jagħmel din l-attività fit-22 jew 23 ta' Diċembru mill-5:30 pm il-quddiem.

22.05.04 Korrispondenza mingħand id-DGL fejn ġejna mgħarrfa li l-Awdituri għas-sena li ġejja ser ikunu Grant Thornton.

22.05.05 Korrispondenza mir-Reġjun Majjistral dwar Tiżjin tal-Milied. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li għal din is-sena nużaw l-armar li għandu l-Kunsill flimkien mal-armar li jsir mis-Soċjetà Santa Marija peress li din is-sena kien immisshom huma filwaqt li għas-snin li ġejjin, fuq suġġeriment tal-Kunsillier Dingli, ser

jitwaqqaf sotto-kumitat li c-*chairperson* tiegħu ikun l-istess Kunsillier li flimkien ma persuni miż-żewġ soċjetajiet tal-Banda u persuni oħra, jieħdu ħsieb l-armar tal-Milied. Il-Viċi-Sindku proponiet li peress li din is-sena ġie mħassar il-Kunċert ta' Jum l-Imqabba minħabba l-COVID, mis-sena d-dieħla, l-armar tal-Milied u l-kunċert ta' Jum l-Imqabba jibdew isiru mill-istess Soċjetà u jalternaw kull sena. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu għaliex b'hekk iż-żewġ soċjetajiet ikunu taw l-istess ammont ta' servizzi lill-Kunsill. Għal din is-sena, l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jarmaw il-girlandi mal-arbli fi Triq Karmenu Ciantar filwaqt li l-armar tal-Pjazza jsir mid-9 ta' Diċembru.

22.05.06 Kwotazzjoni għal uniformi tal-ħaddiema mhux klerikali mingħand in Design. Din ġiet approvata unanimament filwaqt li din għadha tkun fuq skala ta' griż.

22.05.07 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar il-polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għall-impjegati u l-membri tal-Kunsill. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jagħżel il-*Basic Scheme*.

22.05.08 Kwotazzjoni mingħand G4S dwar ġarr ta' flus. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaċċetta din il-kwotazzjoni għal servizz darba fil-ġimgħa.

22.05.09 Kwotazzjoni mingħand Advisory 21 dwar is-servizz ta' *Data Protection Officer* għal perjodu ta' sena. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill iġedded is-servizz ms' din il-kumpanija.

22.05.10 Korrispondenza mingħand *District Operations* dwar *Performance Bonus* tal-ħaddiem tal-Kunsill minn din l-iskema. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill japprova l-massimu tal-*bonus*.

22.05.11 Korrispondenza mingħand il-Perit William Lewis dwar *Traffic Management* fi Sqaq nru 2 fi Triq il-Langasa wara ilmenti minn residenti f'dan l-isqaq. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jgħaddi r-rapport tal-Perit lil Transport Malta għar-rakkomandazzjoni tiegħu.

22.06 **Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

22.06.01 Ġie unanimament deċiż li l-din il-laqgħa għandha ssir b'mod virtwali u li ssir qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill u għalhekk kien hemm qbil li din isir it-Tlieta 15 ta' Diċembru fil-5:30 p.m.

22.07 **Kuntratti**

22.07.01 Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jerġa jaħtar lis-Sur Kenneth Brincat sabiex imexxi l-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kuntratt ta' asfaltar u bini ta' passaġġi u bankini. Is-S.E. informa li iktar kmieni llum kien għalaq iż-żmien sabiex il-kuntratturi prospettivi jibgħatu l-offerti tagħhom u meta dawn infetħu nstab li kien hemm 3 offerti. Il-membri fuq il-Bord ser ikunu s-Sindku u l-Kunsillieri Dingli u Zaffarese.

22.07.02 Rigward il-kuntratt tal-Ġonna, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-kuntratt għandu jinħareġ fejn il-Kunsill jitlob li jkollu ġardinar wieħed *full-time* (40 siegħa fil-ġimgħa).

22.08 **Rapport Finanzjarju – t-Tielet Kwart Jannar / Settembru 2020**

22.08.01 Peress li kopja ta' dan ir-Rapport kienet tqassmet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa, dan ġie meqjus bħala moqri u ġie approvat unanimament.

22.09 **Rimarki mis-Sindku u l-Kunsillieri**

22.09.01 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jitneħħa l-aħħar parkeġġ li hemm biswit il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, iżda qabel ma setgħet tittieħed deċiżjoni, xi ħadd kien neħħa l-pjanċi tal-ħadid mill-art li kienu jindikaw dan il-parkeġġ. Huwa qal li wara li kien sar rapport lil-Pulizija dwar il-każ, huwa kien ġie infurmat li dawn il-pjanċi kienu nstabu u kellhom jiġu ritornati lil-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qed jistenna kjarifika mis-Soċjetà. Rigward talba sabiex tabella faċċata tal-Każin tal-istess Soċjetà tiċċaqlaq lejn is-sagristija, kien hemm qbil li din għandha titressaq.

22.09.02 Fuq mistoqsija tas-Sindku, rigward ir-restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina, s-S.E. spjega li konna għadna qed nistennew lil-Enemalta sabiex ineħħu l-*cables* tad-dawl minn mal-faċċata. Huwa qal li kien infurmat li dawn ser jitneħħew fil-ġranet li ġejjin.

22.09.03 Fir-rigward tar-restawr tan-niċċa ta' Santa Marija, s-S.E. informa li sa laqgħa oħra kien ser ikollu l-*quotations* wara li kien irċieva dettalji ta' xi restawraturi.

22.09.04 Is-Sindku spjega li l-President il-ġdid tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju kien talab laqgħa miegħu personali u hu kien inkluda lis-S.E. sabiex jekk ikun hemm xi affarijiet li jirrigwardaw il-Kunsill, ikun jista jieħu l-minuti. Huwa qal li waqt din il-laqgħa, kienet saret talba sabiex is-Soċjetà jkollha spazju ekwu fil-Pjazza u huwa kien ta dettalji dwar il-proġett *Slow Streets*. Huwa qal li waqt il-laqgħa kien issemma l-istellarju tal-Madonna fi Pjazza Ġublew (li minn dakinhar kien tranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill), talba sabiex jerġgħu isiru t-toqob madawar ir-*roundabout* ta' Pjazza Ġublew, kif ukoll sabiex iż-żewġ statwi fl-istess akwati jiddawwlu.

22.09.05 Il-Viċi-Sindku irrimarkat dwar xi nuqqasijiet li kien hemm f'Jum l-Imqabba. Is-Sindku skuża ruħu peress li wasal tard minħabba nqabad fit-traffiku, filwaqt li s-S.E. qal li minħabba ċirkostanzi familjarji ma setax jattendi u dan seta' kien il-kaġun li ċerti affarijiet ma sarux kif kellhom isiru, fosthom il-postijiet fejn kellhom ipoġġu l-Kunsillieri u mistednin oħra waqt il-quddiesa ta' ringrazzjament. Kien hemm qbil li f'okkażjonijiet simili fil-futur, għandu jitqabbad fotografu

professjonali sabiex il-Kunsill ikollu tifkira xierqa kif ukoll li fejn ikun possibbli , jattendi l-istaff tal-uffiċċju.

22.09.06 Il-Kunsillier Dingli informa li kien ġie avviċinat minn min bħalissa qed jieħu ħsieb il-Latrina Pubblika peress li kien għadu qed joqgħod l-ilma quddiem l-entratura għal-latrina tan-nisa. Ġie unanimament deċiż li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu *gutter* sabiex l-ilma tax-xita jkollu fejn imur.

22.09.07 Rigward ilment li ressaq il-Kunsillier Dingli dwar siġra perikoluża ħdejn arblu tad-dawl fi Triq Valletta, s-S.E. informa li dan kien intbagħat lil-Transport Malta.

22.09.08 Rigward talba mill-Kunsillier Dingli sabiex Triq Kirkop issir *One Way* min naħa ta' Triq tal-Mentna kantuniera ma' Triq il-Murselli, ġie deċiż li nitolbu l-parir tal-Perit tal-Kunsill.

22.09.09 Rigward problema dwar ipparkjar ta' vetturi faċċata tal-Maypole, ġie deċiż li għalissa nistennew sakemm titlesta s-*side road.*

22.09.10 Fuq talba mill-Kunsillier Sciberras rigward għadira ilma li qed toqgħod quddiem residenza partikolari fi Triq il-Katakombi, s-Sindku nforma li din kienet ser issir fil-futur qarib.

22.09.11 Rigward problema ta' *cable* tal-Enemalta fir-residenza nru 22 fi Triq il-Parroċċa, s-S.E. informa li l-kuntrattur kien jaf biha u kien kellem lis-sidien.

22.09.12 Is-Sindku nforma li rigward il-problemi ikkawżati minn *road markings* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma diversi toroq, huwa kien reġa' fakkar lil-Perit responsabbli li wegħdu li kienu ser jitranġaw.

22.09.13 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsiru mirja faċċata tar-residenzi viċin is-*sleeping policeman* fi Triq Kirkop. Dwar dan il-Kunsillier Dingli għandu jgħaddi d-dettalji tar-residenzi affettwati lis-S.E. sabiex naraw jekk għandhomx oġġezzjoni li jsiru dawn il-mirja.

22.09.14 Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta dwar problema ta' ilma tax-xita li qed jikkawża inkonvenjent f'residenza fi Triq il-Parroċċa. Is-Sindku nforma li f'dan il-post irid jogħla t-*tarmac* sabiex tiġi eliminata il-problema.

22.09.15 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta minn problema ta' ilma tax-xita fi Triq tal-Isqof. Is-Sindku nforma li dan ix-xogħol huwa responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali.

22.09.16 Il-Kunsillier Sciberas ikkummenta dwar talba li kien għamel sabiex jiġi *flushed* id-drenaġġ fi Sqaq Nru 2, Triq il-Parroċċa. Is-S.E. informa li l-WSC kienu nfurmawna li x-xogħol mitlub kien tlesta.

22.10 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 580**

22.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 580 u l-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Ottubru 2020 ġew approvati unanimament.

22.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

22.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 15 ta' Diċembru fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |